

# Noti Bijografiċi ta' Surmastrijiet fi ħdan il-Għaqda Mużikali Sant'Andrija
## (It-Tieni Parti)

**Kitba ta' Mro Manoel Pirotta**
*DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)] Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]*



Fl-artiklu tiegħi tas-sena 2019 (pp. 159-165) tajt bidu għal sensiela ta' noti bijografiċi tal-ewwel surmastrijiet fi ħdan il-Banda Luqija li ma jinsabux fl-appendiċi C (p. 380) tal-ktieb ta' Jesmond Grech (Għaqda Mużikali Sant'Andrija: 2008). Dawn kienu Mro Carmelo Abela [Farrugia] u Mro Carmelo Doneo. Għal dis-sena se nlaqqagħkom ma' tnejn oħra: il-maestri Spiridione Zammit [1896-1900] u Antonio Pace [1900-7], li kienu t-tmien u d-disa' surmast rispettivament li ddiriġew 'il dil-Banda lejn l-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu l-ieħor. Ksibna wkoll xi tagħrif żgħir ħafna dwar Mro Emmanuele Barbosa, li bħala r-raba' surmast fil-lista msemmija, mexxa l-Banda bejn l-1890-1.

Qabelxejn, dwar Mro Luigi Barbosa (?-?), li mexxa 'l Banda Luqija bejn l-1890-1, irnexxieli nsib xi ħaġa, imma mhux eżatt fuqu, għax għad li jġib l-istess kunjom, jismu Emmanuel u mhux Luigi; nispera biss li ma sarx xi żball fuq hekk u qegħdin nitkellmu fuq l-istess surmast. Intant, dwar das-surmast (Emmanuel, mhux Luigi) skont l-avukat Naxxari Ignazio Micallef[1] – li b'kitbietu ħallielna dokumentazzjoni imprezzabbli ta' kif seħħew il-ġrajjiet fit-tieni nofs tas-seklu 19, inkluż dawk li ġraw fin-Naxxar – Barbosa kien ta' nisel Portugiż, u għamel ftit żmien bħala assistent direttur tal-Banda 'Melita' tan-Naxxar wara li Mro Giuseppe Micallef (1854-1916) ħalla minn magħha f'Awwissu tal-1887. Mro Emm. Barbosa wkoll ħalla minn ma' dil-banda fl-aħħar ta' Settembru tal-istess sena.

### Mro Spiridione Zammit (13.10.1859-27.3.1921)

Ftit li xejn nafu dwar das-surmast, li jiġi t-tmien wieħed mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Luqija ta' Sant'Andrija fl-1883. Bejn l-aħħar deċennju tas-seklu dsatax u

l-ewwel dak tas-seklu għoxrin, is-surmastrijiet ta' spiss kienu jinbidlu, min ġej u min sejjer, bis-soċjetajiet bandistiċi bħal donnhom jespermentaw bihom. Zammit hu wieħed minn dawn, fejn f'temp ta' 12-il sena mar ma' mhux inqas minn erba' baned: 'Nicolò Isouard' tal-Mosta (1891-3); 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa (1896-1900); 'Maria Mater Gratiae' ta' Ħaż-Żabbar (1899-1903); u 'San Filep' ta' Ħaż-Żebbuġ (1903). Fil-perjodu ta' bejn l-1894 u l-1895 ma jirriżultax li kien iħabbat xi mkien. Ma nafux lanqas x'sar minnu wara li ħalla l-banda Żebbuġija fl-1903.



Pittura biż-żejt li hemm imdendla fi nkwatru fis-sala ewlenija tal-Każin tal-Banda Nicolo Isouard, il-Mosta

Mill-ftit tagħrif li kiseb Patri Raniero Zammit Ofm. Cap[2] minn p. 51 tal-programm tal-festa 1988 tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae, Żabbar, insiru nafu li das-surmast, għad li mwieled il-Belt Valletta, iżżewweġ fil-Knisja ta' Stella Maris, Tas-Sliema, fid-29 ta' Mejju 1883, u għex u miet hemmhekk.

Kien klarinettista prim, sa laħaq surmast tal-banda tal-flotta Ingliża, minbarra li kien imexxi wkoll l-erba' baned li semmejna hawn fuq. Kien ukoll kompożitur ta' bosta marċi u bċejjeċ mużikali oħra.

1891-1893: **Soċjetà Filarmonika 'Nicolò Isouard' tal-Mosta:** Dil-banda Mostija ma tantx kienet ilha mwaqqfa meta Zammit ħa t-treġija tagħha f'idejh. Sa mit-twaqqif tagħha fl-1871, qablu kien hemm biss ħames surmastrijiet, bl-itwal term ikun dak ta' Mro G. Demajo bejn l-1871-84. Bħal fil-każ tal-banda Żabbarija, qablu kien hemm Mro Giuseppe Micallef.

1896-1900: **Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa:** Fi żmien li Zammit kien surmast, il-Filarmonica San Andrea ħadet sehem fil-festi kbar li kienu saru fl-okkażjoni tal-ġublew tad-djamanti tar-Reġina Vittorja (1819-1901) fl-1897. Infatti, fl-20 ta' Ġunju hi kienet waħda mill-31 banda li kienu mistednin jieħdu sehem fl-isfilata li saret minn Bieb il-Bombi sal-Belt Valletta. Jumejn wara mbagħad, hi eżegwit programm ta' sagħtejn fi Piazza Fosse, il-Furjana, fejn wara, il-bandisti ngħataw midalja indurata bix-xbieha ta' wiċċ ir-reġina biex tibqagħlhom tifkira. Il-monument tar-Reġina Vittorja li naraw f'Misraħ ir-Repubblika kien ġie inawgurat fis-sajf tal-1891, ftit snin wara li hi ċċelebrat għeluq il-50 sena bħala Reġina tal-Ingilterra fl-1887, u li għal dil-okkażjoni kienu saru festi kbar fl-Imperu Ingliż.

Il-monument hu xogħol fl-irħam abjad, u sar mill-iskultur Palermitan, Giuseppe Valenti (1835-1903).

1899-1903: **Soċietà Filarmonica 'Maria Mater Gratiæ' ta' Ħaż-Żabbar:** Diversi kienu l-okkażjonijiet importanti f'Malta li fihom dil-banda ġiet mistiedna biex tieħu sehem fi żmien li Zammit kien surmast tagħha. Skont A. Mercieca[3], fosthom insibu l-festi li kienu ġew iċċelebrati f'ġieħ il-Papa Ljun XIII (1810-1903) fl-1903.



Ritratt uffiċjali tal-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Victoria (1819-1901)

1903 biss: **Każin Banda 'San Filep' ta' Ħaż-Żebbuġ:** Fl-istorja ta' dil-banda insibu li bejn l-1899 u l-1904, is-surmastrijiet inbidlu talanqas erba' darbiet. Jidher li Zammit dam surmast għal ftit xhur biss għax f'dik l-istess sena, Mro Salvatore Mallia reġa' ħa t-tmexxija tal-banda f'idejh.

**Mro Antonio (Anton, Toni) Pace (11.ix.1878-1950)**

Skont RMB[4], Antonio twieled Bormla (Cospicua) minn Ġużè Pace, il-prim kuntrabaxxist ta' Dr Paolo Nani u tan-Navy. Aktarx li studja l-vjolin taħt il-Professur Martinelli, li kien idoqq il-vjola fit-Teatru Rjal ta' Malta, kif ukoll fl-Istitut Pawlin Vassallo. Hemmhekk, hu studja wkoll l-armonija u l-kuntrapunt, aktarx mingħand Vassallo stess, u wara mewtu, kompla mal-kuntrapontist Furjaniż, Ġużè Abdilla (1866-1944). Mal-Kan. Rafel Mazzelli[5] (1868c.-16. ix.1950), organista ta' San Lawrenz, il-Birgu, Antonio tgħallem idoqq ukoll l-orgni[6], u spiċċa biex laħaq Maestro di cappella ta' diversi knejjes, fosthom ta' San Pawl, il-Belt Valletta, tal-Lunzjata tal-Birgu, u dik tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem. Infatti, hu kien jieħu sehem f'dil-festa bil-mużika tiegħu, fosthom l-Innu Alla Vergine Maria di Loreto, li ndaqq fl-1935, akkumpanjat minn kor puerili. Tiegħu għandna wkoll l-antifona Beata Mater għall-istess parroċċa. Pace kien ukoll fundatur ta' Schola Cantorum bit-tfal.

Minbarra l-Innu li semmejna, Pace kiteb ukoll għadd mhux ħażin ta' bċejjeċ mużikali, kemm sagri – fosthom seba' quddisiet u għosrien – kif ukoll profani, bħalm'huma valzers, mażurki, polki, u kwadrilji. Ħafna minn dil-mużika ballabbli kienet tindaqq u tinżifen fl-aqwa swali tal-aħjar familji.

Bħala għalliem tal-vjolin u l-pjanu mbagħad, ħafna kienu dawk l-iskulari li ħarġu minn taħt idejh, fosthom Mro Vincenzo Caruana Spiteri (1896-1932) u Andrea Azzopardi (?-?).

F'dawk li huma orkestri, Pace waqqaf għadd ġmielhom minnhom, fosthom l-*Orchestra Bellini* tal-Qrendi, il-Kalkara, il-Birgu, u oħra fl-*Unione Cattolica San Giuseppe* f'Ħal Luqa, li nassumu li hi differenti minn dik li twaqqfet fil-każin tal-banda Sant'Andrija, li wara kollox, kif se naraw, kienet banda ttrasformata f'orkestra.

**Tagħrif fuq it-twelid, il-ħidma, u t-tmiem tal-Orchestra San Andrea**

L-*Orchestra San Andrea* twieldet f'ċirkostanza soċjali partikolari fejn l-Għaqda Mużikali li ġġib isem il-Qaddis patrun ħadet d-deċiżjoni iebsa imma viabbli biex dan iseħħ. Dan wara li fil-bidu tas-seklu l-ieħor, il-Luqin kienu daħlu għall-bini ta' navi ġodda tal-knisja parrokkjali; din kienet ċkienet wisq u ma kenitx tlaħħaq iktar mal-influss dejjem jikber ta' parruċċani. Il-kumitat imwaqqaf apposta ddeċieda li jinqatgħu l-festi ta' barra, inkluż dik titulari, meta kulħadd jaf li dawn kienu, u għadhom, jilħqu l-milja tagħhom bis-sehem sħiħ tal-banda f'kull belt/raħal Malti. Il-flus iffrankati, flimkien mal-ġbir fil-knisja, kellhom imorru għall-iffinanzjament tal-proġett li nbeda fl-ewwel ta' Mejju 1901, u tlesta mill-ġebel sentejn wara. Iżda, biex l-biċċa l-kbira tal-bandisti tal-Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' segħtu jkomplu jipparteċipaw fil-festi mnaqqsa ta' ġewwa għażlu li jmorru għal strument orkestrali minbarra dak li diġà kienu jafu jdoqqu. Kien hawn li l-banda bdiet tittrasforma ruħha f'orkestra.

Dik il-ħabta, surmast tal-banda Luqija kien hemm Mro Antonio Pace li aktarx kien strumentali biex titwaqqaf l-*Orchestra San Andrea*. Nimmaġina wkoll li kien hu li ħarreġ lil uħud mill-bandisti Luqin biex jeqilbu għal strument tal-korda. Issa, jekk il-ħatra tiegħu bħala surmast tal-banda fl-1900 ġietx b'kumbinazzjoni jew le, li hu żgur hu li kienet waħda f'waqtha. U biex trawwem tajjeb 'il-istudenti ħa jibdew idoqqu strument tal-korda mhix ħaġa faċli, u tkun trid biżżejjed żmien, anki jekk l-bandisti kienu diġà jaqraw il-mużika. Bilfors li meta Mro Pace inħatar surmast, sab ma' wiċċu kriżi totali fejn jidħlu servizzi tal-banda; l-uniku kompitu tiegħu kien li jitrasformaha f'orkestra kemm jista' jkun malajr ħa jkun jista' jibqa' jmexxiha. Tajjeb

ngħidu hawnhekk ukoll, li Mro Pace, għad li kellu għadd t'orkestri taħt idejh, jidher li ma kien iħabbat imkien ieħor bħala surmast tal-banda.



Ritratt tal-okkażjoni ta' meta twaqqfet l-Orchestra San Andrea fil-11 t'April 1906

Dal-proċess ta' trasformazzjoni kien ilu għaddej għax orkestra ma titwaqqafx mil-lum għal għada. Biss biss, fil-minuti tal-laqgħa tat-8 t'April, 1906, insibu li kienet inġabret somma bejn xi membri biex inxtara vjolinċell għal ċertu Pietru Spiteri bil-kundizzjoni li jindaqq biss mal-istess soċjetà u fl-istess każin li jġib l-istess isem. Wisq probabbli, dan kien sar biex il-bandist imsemmi jkun jista' jibda jitgħallem fuqu. Lil Pietru nsibuh fir-ritratt tal-ġenb fuq quddiem, in-naħa tal-lemin, fuq għarkupptejh bil-vjolinċell quddiemu. Dar-ritratt kien ittieħed f'xi żmien fl-1907 meta l-orkestra kienet għaddiet għal żmien qasir f'idejn Mro Antonio Cassar. Dan peress li, Mro Antonio Pace kien iddimetta mill-kariga proprju fl-istess sena. Fl-istess ritratt ukoll, insibu lil Andrea Azzopardi bil-vjolin f'idu, bilqiegħda fl-art fl-ewwel filliera min-naħa tax-xellug. Dal-ġuvnott żgur li tgħallem taħt Mro Antonio Pace għax fil-minuti tas-seduta tal-20 ta' Settembru 1906 insibu li s-segretarju kien ippropona li għandu jitgħallem mingħand is-surmast bla ħlas peress li kien bla xogħol.

Il-11 ta' April 1906 tista' titqies bħala d-data uffiċjali tat-twaqqif tal-*Orchestra San Andrea*. Dan nafuh mill-minuti tal-ewwel laqgħa li kienet saret għall-kumitat il-ġdid. Fiha kien ġie deċiż, li l-membri tal-orkestra xorta waħda kellhom jibqgħu jgħoddu irwieħhom bħala bandisti ħalli meta din terġa' tinqeleb għall-banda jkunu minn tal-ewwel biex jingħaqdu lura fi ħdanha. Nimmaġina li, l-orkestra kienet ħadet sehem fil-festa liturġika ta' dik is-sena. Żgur li daqqet fil-festa tal-1907, peress li fir-reġistru tal-orkestra (1906-1913) insibu li Mro Pace kien tħallas aktar mis-soltu bejn Mejju u Novembru ta' dik is-sena għas-servizzi li l-orkestra tat fil-festi tal-parroċċa, u forsi wkoll, minħabba l-arranġamenti mużikali li kellu jadatta għaliha[7]. Aktarx li wara l-festa tar-raħal ta' dik is-sena, Mro Pace iddimetta minn surmast u kien għalhekk li minfoku laħaq Mro Cassar, forsi bħala aġent surmast, sakemm jinstab wieħed ġdid.



F'xi żmien fl-1908 laħaq Mro Paolo Vella (1874-1948) bħala s-surmast direttur il-ġdid tal-Orchestra San Andrea. Das-surmast kien studja sewwa l-mużika fl-Istitut Mużikali mwaqqaf f'Malta minn Mro Paolino Vassallo (1856-1923), u ftit wara ngħaqad bil-vjolin mal-orkestra tat-Teatru Rjal u fil-kappelel tas-surmastrijiet Rikard Bugeja (1845-1926) u Pawlin Vassallo stess. Bħal Mro Pace, Mro Vella waqqaf ukoll orkestri f'Ħal Luqa u Ħal Għaxaq, kif ukoll fi rħula oħrajn. Kellu oħra f'Bormla b'35 orkestrant kollha studenti tiegħu. Mro Vella kien ukoll organista fil-parroċċa ta' San Bastjan (Ħal Qormi) u

mexxa l-mużika f'għadd ta' parroċċi. Tajjeb ngħidu hawn ukoll, li hu kien it-tieni surmast direttur wara Mro Napoleone Caruana Dingli tal-Banda Ġużeppina Għaxqija [1913-36]. Mro Vella kiteb għadd kbir ta' xogħlijiet, kemm sagri, kif ukoll profani, u hu rebbieħ ta' tliet midalji f'gari mużikali internazzjonali. Bla dubju ta' xejn, hu kien il-persuna adatta biex ikompli fejn ħalla Mro Pace, tant li, fil-perjodu li dam imexxiha għamlet ħafna progress.

It-tabella t'hawn taħt turi xi servizzi mużikali ewlenin mill-*Orchestra San Andrea* bejn 1908-13 meta din kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Vella[8]. Il-biċċa l-kbira tas-servizzi jinkludu l-festi tal-parroċċa, fosthom dik titulari, li tiġi lejn l-aħħar ta' Novembru. L-Għaqda Mużikali Luqija rnexxielha żżomm ukoll xi servizzi barra mill-pajjiż, fosthom il-Qrendi, Birżebbuġa u Birkirkara. U għad li għas-sena 1910 m'għandna l-ebda tagħrif dwar servizzi mogħtija f'dawk li huma festi parrokkjali, wieħed jassumi li dawn (tabella 1) ingħataw xorta waħda matulha:

Forsi wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Mro Vella hi l-Kantata 'l-Appostlu Sant'Andrija, fuq versi bit-Taljan ta' Patri Carmelo del Bambin Ġesù S.c. għal żewġ Tenuri, Baxx, kor u orkestra. Dal-kapolavur kien iżżanżan f'lejlet il-festa titutali tal-1913 taħt id-direzzjoni tal-kompożitur stess. Fl-istess sena wkoll, ħafna mix-xogħol strutturali fuq il-knisja parrokkjali kien tlesta. Għaldaqstant, il-parruċċani xtaqu li l-festi ta' barra jerġgħu jibdew isiru bħalma dari. Sena biss wara, faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija. Iżda dan ma qatax qalb id-diriġenti tas-Soċjetà u ngħata bidu biex l-orkestra titreġġa' lura għal banda.

Mro Vella ddimetta minn surmast direttur fis-sajf tal-1914 fi żmien meta dil-qalba minn orkestra għal banda kienet għadha ma seħħitx. Kellu jkun Mro Antonio Miruzzi (1867-1944) biex, bil-għajnuna wkoll ta' żewġ soċi mużiċisti oħra, Salvatore Azzopardi u Vincenzo Caruana Spiteri, jerġa' jittrasforma l-Orchestra San Andrea f'banda f'xi żmien fis-sena 1915.[12] Dan ifisser ukoll, li Mro Miruzzi kien laħaq

| Sena | Xahar | Festa | Tip ta-servizz | Raħal |
|---|---|---|---|---|
| 1908 | | *Corpus Christi* | | Ħal Luqa |
| | Novembru | Festa liturġika Sant'Andrija | | |
| 1909 | | Festa tal-Ġimgħa Mqaddsa | | Ħal Luqa |
| | Lulju | Festa Madonna ta' Lourdes | Programm mużikali | Qrendi |
| 1911 | | Ġimgħa Mqaddsa | | |
| | | Qalb ta' Ġesù | | Ħal Luqa |
| | | *Corpus Christi* | | |
| | | Daqq tal-Innu | | |
| | Settembru | Festa Sta Marija Addolorata | | B'Bugia |
| | Novembru | Festa liturġika Sant'Andrija[9] | | Ħal Luqa |
| 1912 | | | Ġimgħa Mqaddsa | Ħal Luqa |
| | Ġunju | | Qalb ta' Ġesù | |
| | | | Corpus Christi | |
| | Ottubru | | Programm | B'Kara |
| | Novembru | Festa liturġika Sant' Andrija | Tridijiet | Ħal Luqa |
| 1913 | Marzu [10] | Ġimgħa l-Kbira | | |
| | Mejju[11] | *Corpus Christi* | | Ħal Luqa |
| | Novembru | Festa liturġika Sant'Andrija | | |

Tabella 1







idderieġa l-orkestra għall-festa titulari tal-1914, jekk din dejjem laħqet saret minħabba l-gwerra. Jista' jkun hawnhekk allura li, Mro Miruzzi sab iċ-ċans li jikkomponi l-Innu Solenni f'ġieħ Sant'Andrija għall-orkestra, jew forsi l-aktar, is-sena ta' wara. Dan peress li, ma nafux f'liema xahar eżatt seħħet kompletament it-trasformazzjoni.

Tabella 2 hi lista kemm jista' jkun sħiħa tal-membri tal-Orchestra San Andrea f'ordni alfabetika miġbura mill-ktieb ta' Grech:

Fl-ewwel żewġ kolonni nsibu isem u kunjom il-bandisti/orkestranti; fit-tielet waħda, xi strument kienu jdoqqu. Fir-raba' kolonna, fejn hemm mmarkat bis-sinjal tal-mistoqija (?), ifisser li ma nafux jekk il-persuna kenitx idoqq strument ieħor, jekk dejjem kellha, minbarra dak tal-korda. Il-ħames kolonna, turi f'liema paġna jidher isimihom fil-ktieb ta' Grech, filwaqt li fis-sitt waħda niżżilt id-data tal-1907 ħdejn dawk l-ismijiet kollha li jidhru fir-ritratt (Grech: 87) li kien ittieħed propju f'dik is-sena. Fis-seba' waħda niżżilt id-data tal-1913 ħdejn dawk l-ismijiet li jidhru wkoll fir-rendikont tad-dħul u l-ħruġ għall-Kantata ta' Mro Paolo Vella fil-festa titulari ta' dik is-sena (Grech: 99). Fit-tmien u l-aħħar kolonna mmarkajt ukoll dawk il-bandisti li kienu jiffurmaw parti mill-kumpanija drammija. Fil-lista hemm ħafna ismijiet oħrajn li mhumiex imniżżlin hawnhekk, imma wieħed irid joqgħod ferm attent peress li din kienet okkażjoni speċjali u mhux bilfors kulmin daqq kien tal-post. Fl-istess rendikont insiru nafu wkoll li ġew maqlugħin strumentalisti li jdoqqu l-obwe u l-fagott. Dawn kellhom jissejħu minn barra għax l-Orchestra San Andrea ma kellhiex minnhom fi ħdanha. Mil-lista nsiru nafu wkoll, li kien hemm talanqas 14-il strument tal-korda: ħdax-il vjolin, vjolinċell wieħed, u żewġ kuntrabaxxi.

*L-artiklu qed jitwassal 'il-qarrejja Luqin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant'Andrija li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'Ħal Luqa.*

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)*

| Kunjom | Isem | Strument 1 | Strument 2 | Paġna | Ritratt 1907 | Festa 1913 | Teatrin |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Agius | Raffaele | | | 88 | | | ✓ |
| Axisa | Giacobbe | Vjolin | Trumbun | | | | |
| Azzopardi | Andrea | | | | ✓ | ✓ | |
| Azzopardi | Angelo | Klarinett Si*b* | | 93 | ✓ | ✓ | |
| Azzopardi | Carmelo | Vjolin | ? | | ✓ | | ✓ |
| Bondin | Salvu | | | 88 | | | |
| Bonnici | Ludovico | Kuntrabaxx | ? | | ✓ | | |
| Camilleri | Mosè | | | 88 | | | |
| Caruana | Gio. Batta | Vjolin | Klarinett | 374 | | | |
| Cassar | Paolo | Vjolin | ? | | ✓ | ✓ | ✓ |
| Cremona | Antonio | | | | ✓ | ✓ | ✓ |
| Debono | Salvu | Vjolin | ? | | ✓ | ✓ | ✓ |
| Ellul | Andrea | | | 88 | | | |
| Fenech | Alberto | Clarone | | | | | |
| Fenech | Andrea | Klarinett Si*b* | | 93 | ✓ | ✓ | |
| Fenech | Carmelo | Tromba | | | ✓ | | ✓ |
| Fiott | Angelo | Klarinett Si*b* | | | ✓ | ✓ | |
| Grech | Giuseppe | Flawt | | 86 | | | ✓ |
| Grima | Giovanni | Tanbur | | | ✓ | | |
| Grixti | Paolo[13] | Vjolin | ? | | | | |
| Micallef | Andrea[14] | Vjolin | ? | | ✓ | | ✓ |
| Micallef | Raffaele | Vjolin | ? | | ✓ | ✓ | |
| Micallef | Salvatore[15] | Bombardino[16] | | | ✓ | ✓ | |
| Saliba | Francesco | | | 88 | | | |
| Saliba | Giov. M. | Vjolin | ? | | ✓ | | ✓ |
| Saliba | Giuseppe | | | 88 | | ✓ | |
| Sapiano | Gian Andrea[17] | Klarinett | Kwartin | 88 | | | |
| Sapiano | Giuseppe | Ewfonju | Althorn | 93 | | | |
| Sapiano | Michele | Klarinett Baxx | | 93 | | | |
| Spiteri | Andrea | 2do. | | 88 | | ✓ | |
| Spiteri | Giuseppe | Trumbun | | | | ✓ | |
| Spiteri | Pietru | Vjolinċell | ? | | ✓ | | |
| Zammit | Giuseppi | Vjolin | ? | | ✓ | ✓ | ✓ |
| Zammit | Mosè | Kuntrabaxx | ? | | ✓ | ✓ | |
| Zammit | Salvu | Vjolin | ? | | ✓ | ✓ | |

Tabella 2

**Referenzi**


1 Memorie rimarchevoli di alcuni fatti succeduti in Malta, con riferenza speciale al Naxaro. Id-djarju tiegħu jikkonsisti f'għaxar pitazzi ta' daqs ġmielu.

2 'Profili Bijografiċi ta' Slimiżi Magħrufin' (2003).

3 Robert Mifsud Bonnici: 'L-istorja Tal-Każini Tal-Baned F'Malta u Għawdex', Vol. 1, p. 153.

4 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum' (Giov. Muscat, 1951), p. 127.
5 Kien organista fil-Knisja ta' San Lawrenz. Studja għand Dun Alwiġ Fenech (1837-1905), fejn dan tal-aħħar ħallielu l-mużika kollha li kellu. Waqqaf id-'Domus' fi Strada Desain biex jiġbor iż-żgħażagħ. Mexxa l-mużika fil-festi liturġiċi fil-Birgu u f'parroċċi oħra. (Lorenzo Zahra: 'Ġrajjiet Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz 1883-1983')
6 Skont l-artiklu 'Żewġ Bormliżi li Għamlu Isem', Joseph Massa jgħid li Toni tgħallem l-orgni fuq il-parir ta' Paolino Vassallo stess. (Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla: Festa tal-Kunċizzjoni Immakulata, Nru 21, p. 47).
7 Skont Joseph A. Bugeja – 'L-Orkestra San Andrea ta' Ħal Luqa' (Ktieb tal-festa tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija 2011, p. 79) – l-orkestra daqqet programm mużikali f'Misraħ il-Knisja f'Ottubru taħt Mro Antonio Pace, fosthom biċċtejn tiegħu: Nubi d'Amour (Mażurka) u Sempre Uniti (Polka). Dat-tagħrif kisbu mill-ġurnal 'Malta Tagħna' 5.x.1907.
8 Ara ktieb ta' Jesmond Grech li ħareġ fl-okkażjoni tal-125 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.
9 Daqqet innu għall-akkumpanjament ta' kor tat-tfajliet u sitt vuċijiet.
10 Skont Bugeja, dal-programm sar nhar Ħadd il-Palm, 16 tax-xahar (Malta 13.iii.1913), u li fih indaqqew xi marċi funebri, fosthom Dolorosa u Tristezza ta' Mro Paolino Vella stess.
11 Bugeja jgħid li sar fl-1 ta' Ġunju fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù (Malta 29.v.1913). Dan ifisser li l-ġurnal ħabbar li dal-programm kien se jsir minn erbat ijiem qabel. Fih ma ndaqqew l-ebda xogħlijiet ta' Mro Vella.
12 Did-data jagħtihielna Jesmond Grech fil-ktieb tiegħu l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija - twelidha u ġrajjietha, p. 418.
13 Ibid., p. 426.
14 Segretarju.
15 Salvatore Micallef (1863 – 1934). Wieħed mill-ewlenin bandisti tas-Società e Filarmonica San Andrea u membru tal-Orkestra San Andrea. Kien ukoll jiddisinja u jpitter ix-xenarju tat-teatrin. Fl-età, kien tliet snin ikbar minn Mro Miruzzi li twieled fl-1867. Idem., pp. 424–5.
16 Ewfonju.
17 Gian Andrea Sapiano (1879 – 1952). Kellu ħutu wkoll bandisti fi ħdan l-istess Soċjetà mużikali. Idem, pp. 425 – 6.


# Tagħlim tal-Mużika

## fis-sede tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija - Ħal Luqa.

**It-Tagħlim, kemm tal-prattika kif ukoll tat-teorija, isir minn għalliema professjonali b'mod regolari u tingħata attenzjoni individwali. It-tagħlim hu miftuħ għal kull età.**

**Min huwa interessat jista' jċempel fuq 99488105.**